Minuti tal-Laqgħa Nru.30 tar-Raba' Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 28 ta' Novembru 2006 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe Piscopo A.(Mus).L.C.M. |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Silvio Schembri<br>Is-Sur Joe Camilleri<br>Is-Sur Raymond Saliba |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużata** : | Is-Sinjura Monica Camilleri |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mistoqsijiet
5. Ogħti ta' Tenders
6. Kwotazzjoni Mixegħla tal-Milied
7. Mozzjonijiet
8. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 29 li ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joe Camilleri ssekondata mis-Sur Raymond Saliba wara li saret korrezzjoni għall-para 1.1 (a) fuq talba tal-Viċi Sindku Joe Piscopo biex dan il-paragrafu jiġi hekk : Is-Sur Piscopo staqsa wkoll fuq dak li deher fil-gażżetta '' Il-Mument '' li l-Kunsill għandu Lm400,000 u jekk hux il-każ li jittieħdu passi fuq il-kontenut ta' l-artiklu. Is-Sindku wieġeb li ma hemmx każ ta' libell u li kien se jwieġeb fil-gażżetta.

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Is-Sur Joe Camilleri qal li dwar fil-*Football Tournament* bejn il-Kunsilli ma sabx min jieħu sehem u għalhekk ma nistgħux nieħdu sehem.

2.2 Is-Sur Camilleri qal ukoll li dwar il-kampanja *"Clean-up the World"* ma jistax ikompli fiha peress li dak inhar ta' l-attivita' għandu appuntament l-isptar. Meta s-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti min minnhom jista' jieħu f'idejh din l-attivita', it-tweġiba kienet li ħadd ma seta'.

2.3 Is-Sur Vctor Caruana staqsa jekk intbagħtext l-ittra lill-Perit tal-Kunsill biex jikkuntattja lill-Asfaltar dwar ix-xogħol li fadallu jirranġa fi Triq il-Parroċċa u Sqaq Nru. 4. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv u qal li jaf illi l-Perit ikkuntattja lill-Kuntrattur.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza li daħlet sat-28 ta' Novembru 2006, fosthom :

a) Ittra mill-ADT li tinforma li sar qbil mal-ATP li jekk isiru *Traffic Lights* fi Triq Ħal Qormi, ix-xarabanks ikunu jistgħu jaqsmu u jidħlu f'Ħal Farruġ huma u ġejjin mill-Belt;
b) Stedina għal parteċipazzjoni f'Forum Nazzjonali dwar il-Wirt Kulturali 2006;
c) Memo 33/2006 mid-DGL dwar il-ħinijiet ta' l-uffiċċju u tipjip f'postijiet miftuħa għall-pubbliku;
d) Talba għal donazzjoni mill-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa fl-okkazjoni tal-Prize Day. Il-Kunsill qabel li jagħtu l-istess donazzjoni bħas-snin ta' qabel, Lm50 f'kotba;

## 4. MISTOQSIJIET

4.1 Il-Viċi Sindku Joe Piscopo staqsa jekk il-Kunsill kienx ġie mistieden bħal Kunsilli oħra biex jibgħat rappreżentant fil-Kumitat Nazzjonali għall-bdil fl-Euro, u jekk le nipprotestaw. Is-Sindku qal li ma kien irċieva ebda ittra ta' stedina u għalhekk ġie deċiż li tintbagħat ittra ta' protesta.

4.2 Is-Sur Victor Caruana staqsa jekk hemmx xi ħsieb meta se jibda x-xogħol fi Triq il-Karmnu. Enfasizza li l-bankini jsiru sħaħ u li x-xogħol ma jitħalliex għal żmien il-Milied.

Is-Sindku wieġeb li x-xogħol jibda hekk kif il-Kuntrattur jispiċċa xogħol li għandu bħalissa band'oħra.

4.3 Is-Sur Piscopo staqsa meta hemm il-ħsieb li titwaħħal il-*crash-barrier* ta' Triq il-Ġdida. Għal din id-domanda wieġeb is-Sur Victor Caruana li qal illi dawn ġejjin u jwaħħluhom dalwaqt peress li issa x-xogħol fuq il-galleriji tlesta.

4.4 Fir-rigward tat-toroq li nqalgħu mill-kuntrattur f'Ħal Farrug, is-Sur Piscopo staqsa jekk nistgħux inkunu nafu kemm se nieħdu flus għalihom mil-L.E.S. Is-Sindku wieġeb li dwar dan jagħti rendikont fil-laqgħa li jmiss.

4.5 Is-Sur Piscopo qal li huwa ħass li kellu jgħid xi ħaġa fuq karti li tqassmu waqt l-aħħar żjara li delegazzjoni mill-Kunsill għamlet fi Fiumicino fejn ġie stampat li Silvio Schembri huwa l-Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali Luqa. Is-Sur Piscopo qal li għadu offiż b'dak li nkiteb għax huwa abbuż ta' poter li jmur kontra kull etika u anke huwa llegali.

4.5.i. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bir-responsabbilta kollha li tagħtih il-kariga tiegħu kien qed jiddikjara lu hu qatt ma bagħat xi lista tal-parteċipanti. L-istess dikjarazzjoni għamluha l-Kunsillieri Silvio Schembri u Joe Camilleri li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu jagħmlu parti mid-delegazzjoni.

4.6 Peress li ma kienx hemm aktar domandi, is-Segretaru Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-MEPA flimkien ma' Polidano Group jixtiequ jagħmlu użu mis-Sala Komunitarja nhar it-Tlieta, 19 ta' Diċembru 2006 bejn is-1.00 p.m. u l-10.00 p.m. biex jagħmlu laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-proġett minn Polidano Group ġewwa Ħal Farruġ. Il-Kunsill qabel li jpoġġi s-Sala Komunitarja għad-dispożizzjoni tal-MEPA u Polidano Group.

## 5. OGĦTI TA' TENDERS

### *5.1 <u>PARKS & GARDENS</u>*

Is-Sindku qal li għal dan is-servizz kienu daħlu żewġ offerti : dik ta' l-*Environmental Landscapes Consortium Ltd.* għall-prezz ta' LM6,150 u dik ta' Chris Bezzina għall-prezz ta' Lm4,350.

5.1.i. Is-Sindku qal li veru tal-Consortium hija l-aktar għolja, pero' meta wieħed iqis li dawn ipoġġu raġel dejjem assenjat fil-lokal tagħna, armati tajjeb għax-xogħol u għandhom ix-xogħol kollu tal-pereferiji, isib li din l-offerta hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

5.1.ii. Fuq dawn il-kriterji, is-Sindku ssekondat mis-Sur Joe Camilleri ressaq mozzjoni biex din it-*tender* tingħata lill-*Environmental Landscapes Consortium Ltd.* Il-Mozzjoni ġiet unanimament approvata.

LUQA

5.2 *CLEANING & ATTANDANCE OF PUBLIC CONVENIENCE*

Għal dan is-servizz kien hemm tliet offerti: Paul Cutajar (LM3,300), *Cleansing Services Department* (Lm4,704) u Carmel Mazzitelli (Lm3,999).

5.2.i. Is-Sindku qal li apparti r-rapport u l-ilmenti li kienu jidħlu fuq iż-żamma tal-latrini, l-offerta tal-*Cleansing Services Department* hija l-aktar waħda għolja. Għalhekk huwa kien qiegħed jipproponi li t-*tender* tingħata lil Paul Cutajar.

5.2.ii. Meta s-Sindku, issekondat mis-Sur Joe Piscopo, ressaq il-mozzjoni f'dan is-sens, il-mozzjoni għaddiet b'ħames (5) voti favor b'astensjoni waħda (is-Sur Victor Caruana).

## 6. MIXEGĦLA TAL-MILIED

6.1 Is-Sindku qal li għall-mixegħla tat-toroq fi żmien il-Milied kienet daħlet kwotazzjoni waħda, dik tas-Sur Lawrence Cassar għall-prezz ta' Lm850. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-kwotazzjoni imma jitlob lill-kuntrattur biex il-mixegħla tibda mit-8 ta' Diċembru 2006 u tibqa sas-6 ta' Jannar 2007.

## 7. MOZZJONIJIET

7.1 Is-Sindku qal li kien qiegħed iressaq mozzjoni ta' natura urġenti fuq id-deċiżjoni unilaterali li tieħdet mill-kumpanija tal-Gvern *Wasteserv Malta Ltd.* biex tagħmel *Civic Amenity Site* minflok l-art ta' madwar 10,000 metri kwadri mwegħdin lill-Kunsilli mill-Gvern biex jiġu żviluppati f'*recreational area*.

7.1.i Is-Sindku żied igħid li din il-mozzjoni kien ippreżentaha s-Sibt ta' qabel fil-laqgħa tax-Xlokk ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Kompla igħid li l-mozzjoni ġiet approvata u l-Assoċjazzjoni wegħdet li tagħmel il-protesti tagħha fuqha mal-Ministeru konċernat.

7.1.ii. Wara li saret diskussjoni, il-mozzjoni tas-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku ġiet unanimament approvata mill-Kunsill.

7.2 Mozzjoni oħra mis-Sindku u ssekondata mis-Sur Raymond Saliba tgħid: **l-Kunsill japprova li għal żmien il-Milied issir il-bibita annwali għall-Kunsillieri, l-istaff u l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill, kif ukoll għal dawk il-ħaddiema li jagħmlu xogħol relatat mal-Kunsill.**

7.2.i. Din il-mozzjoni ġiet unanimament approvata u ġie deċiż li din issir nhar l-Erbgħa, 27 ta' Diċembru 2006.

## 8. ĦLASIJIET

8.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-28 ta' Novembru 2006 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

8.1.i. Dwar il-pagament dovut lil Catbros Ltd., li jsir minn fondi tad-Dipartiment tad-Djar fir-rigward tal-proġett ta' Ħal Farruġ, is-Sur Victor Caruana rrimarka li jkun tajjeb li wieħed jindaga dwar il-kwalita ta' xogħol u materjal li qiegħed isir hemmhekk.

8.1.ii. Is-Sindku qal li l-*Invoice* għall-pagament toħroġ mill-Kunsill fuq rakkomandazzjoni tal-Perit inkarigat u fuq talba tad-Direttur tad-Dipartiment tad-Djar.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fil-7.15 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

Konfermati llum 27 ta' Diċembru 2006.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv